

# Il-Kappellun tal-Kurċifiss • *Artal Barokk skopert mill-ġdid*

**kitba ta' Sandro Debono B.A. (Hons.)**

Kull binja tgħaddi minn tibdiliet matul iż-żmien. Xi wħud jmissu biss il-qoxra. Oħrajn jibdluha mill-qiegħ. Il-Knisja parrokkjali taż-Żejtun hija waħda minn dawn il-binjiet. L-iżjed bidla li ħalliet impatt qawwi fuq il-bini tal-knisja parrokkjali kienet il-bini tal-kappelluni fit-tieni nofs tas-seklu tmintax. Madankollu bosta dokumenti jixhdu għal interventi oħra li twettqu matul iż-żmien. Intervent minn dawn sar fuq l-artal tal-kurċifiss fl-1875. L-Isqof Gaetano Pace Forno, waqt vista pastorali li kien qed jagħmel fiż-Żejtun, ordna li jitneħħew statwi tal-ġebel li kienu sa dak iż-żmien jinsabu fuq l-artal tal-kurċifiss.(1) Il-ħlasijiet tal-prokuraturi ma jagħtu ebda ħjiel dwar is-suġġett ta' dawn l-istatwi għalkemm jindikaw li kienu iżjed minn waħda. L-prokuraturi għamlu wkoll spejjeż oħra fl-istess żmien fuq l-artal tal-kurċifiss. Dawn jinkludu kartella fuq in-niċċa tal-kurċifiss li saret fuq disinn tal-professur Nikola Zammit. (2) L-istess kartella kif wkoll r-raġġiera tal-kurċifiss ġew indurati minn Gio. Batta Cassar.(3) Sar ukoll xogħol ta' skultura fuq il-kapitelli tal-kappellun mill-iskultur Ġiovanni Farrugia.(4)



Gian. Lorenzo Bernini:
Proġett tal-Kattedra Petri, San Pietru, Vatikan (1657 - 1666)

Ħjiel ta' dak li seta tneħħa fl-1875 jagħtuhulna sensiela ta' visti pastorali. Jidher li l-Isqof Alpheran de Bussan kien l-ewwel isqof li ra l-proġett komplut waqt il-vista pastorali li huwa għamel fiż-Żejtun fl-1728.(5) L-proġett kien jinkludi kurċifiss kbir tal-injam imqiegħed f'niċċa b' gwarnic tal-ġebel indurat. Fil-parti ta' fuq madwar il-kurċifiss kien hemm sensiela ta' sħab filwaqt li fil-parti ta' isfel kien hemm erba` statwi indurati. Fuq ix-xellug kien hemm l-istatwi tal-Madonna u dik ta' Marija ta' Kleofa. Fuq il-lemin, dik ta' San Ġwann l-Evangelista u ta' Marija Maddalena. Mal-madwar kien hemm bosta anġli tal-ġebel jistrieħu fuq sħab indurat. Fil-parti ta' fuq jidher li kien hemm wkoll x-xbieha tal-Missier Etern.

Id-deskrizzjoni mogħtija mill-Isqof Alpheran de Bussan hija tassew interessanti u titfa ħjiel fuq kemm il-kappellun tal-kurċifiss kien jidher ferm differenti. L-apside tal-kappellun kellu aktar tard jiżżejjen bil-pittura ta' Gian. Nikola Buhagiar (1698-1752). Hekk kif tlestiet l-pittura ta' l-apside tal-kappellun, nistgħu ngħidu li ġie fi tmiemu proġett estensiv ta' dekorazzjoni li twettaq fuq numru ta' snin. Il-ħsieb għal dan il-proġett ambizzjuż jidher li beda jberren f'moħħ il-prokuraturi sa mit-twaqqif tal-konfraternita tal-kurċifiss fl-1709.(6) Għall-bidu, l-fratellanza kienet taqdi d-dmirijiet tagħha mill-artal maġġur. Iżda ftit wara bdiet taħseb biex twaqqaf l-artal tagħha fil-kappellun minn fejn bdiet tiffunzjona għall-ħabta tal-1716.(7) Il-proġett tal-artal kellhu

jibda seba` snin wara. Fl-1723, il-prokuratur tas-Sodalita` ħallas l-ammont ta' tmenin skud fuq medda ta' tlett xhur għall-kurċifiss prinċipali tal-artal.(8) L-ammont huwa wieħed konsiderevoli meta mqabbel ma' ħlasijiet oħra għal xogħlijiet ta' skultura u pittura. L-kummissjoni tal-kurċifiss kellha tabilħaqq tkun l-ewwel għaliex kollox kien jorbot miegħu. Seta' għalhekk kien possibli li l-prokuratur kien diġa kellu d-disinn f'idejh qabel ma kkummissjona l-kurċifiss. Bejn l-1725 u l-1727, l-iskultur Pietro Paolo Zahra, missier l-pittur Francesco Żahra ħadem ix-xogħol kollu tal-iskultura fuq dan l-artal.(9) Hekk kif intemm ix-xogħol ta' skultura, ġie kkumissjonat l-induratur Francesco Foti biex jindura x-xogħol kollu u ta' dan tħallas s-somma ta' 231 skud.(10) Hawnhekk wieħed jista jifhem ghaliex l-ispejjeż tal-induratura kienu daqshekk għoljin. Mid-deskrizzjoni tal-Isqof Alpheran jidher ċar li kien hemm partijiet sostanzjali mill-iskultura u l-istatwi li kienu indurati bid-deheb.


Artal tal-Kurċifiss fil-Knisja Parrokkjali, Żejtun (Ritratt: J. Vella)

L-ħsieb oriġinali għal din it-tipoloġija ta' artali kien ġie żviluppat għall-ewwel darba minn Gian. Lorenzo Bernini (1598-1680) fil-proġett tal-'Cattedra Petri' għall-kor tal-Vatikan. L-idea tal-Bernini kienet li joħloq effett visiv li bih jwassal l-messaġġ kristjan tal-kontroriforma. Huwa probabbli li l-moħħ wara l-proġett ta' l-artal tal-kurcifiss seta kien influenzat mill-proġett tal-'Cattedra Petri'. Iżda dan taż-Żejtun ma kienx l-unika proġett tax-xorta tiegħu f'Malta. L-istess skema kienet teżisti fl-artal tal-kurċifiss ta' żewġ knejjes parrokkjali oħra; dak ta' Ħal Lija u dak ta' Ħaż-Żabbar. Il-proġett tal-kappellun tal-Kurċifiss fil-knisja parrokjali ta' Ħal Lija tlesta bejn wieħed u ieħor għoxrin sena qabel dak taż-Żejtun.(11) Id-deskrizzjoni li nsibu fil-visti pastorali tagħtina ħjiel li kien jixbaħ lil dak taż-Żejtun. Il-proġett ta' Ħaż-Żabbar huwa kważi kontemporanju ma' dak taż-Żejtun. Jiġi deskritt l-ewwel darba fl-1722 mill-Isqof Gori Mancini meta rah waqt il-vista pastorali li huwa wettaq f'Ħaż-Żabbar.(12)

Sfortunatament, ftit li xejn għadu jeżisti minn dan l-proġett ambizzjuż għajr l-kurċifiss. L-istil kif wkoll l-kwalitajiet tekniċi ta' din l-opra fl-injam jindikaw li dan huwa xogħol tas-seklu tmintax. L-artist li hadmu mhux magħruf għalkemm huwa ċar li l-kurċifiss inħadem fuq mudell li numru ta' studjużi jattribwixxu lill-iskultur magħruf Alessandro Algardi (1595-1654).(13) Alessandro Algardi kien skultur li ħalla impatt qawwi fuq il-barokk Ruman. Twieled Bologna iżda mill-1625 kien attiv f'Ruma fejn laħaq il-quċċata tal-karriera tiegħu fil-papat ta' Innocenz X (1644-1655). F' Malta nsibu numru ta' xogħlijiet attribwiti lilu jew lill-bottega tiegħu fosthom il-bust ta' Kristu li kien jinsab fil-faċċata tal-kon-kattidral ta' San Ġwann kif wkoll redentur żgħir tal-bronż li jinsab fil-kollezzjoni tal-Mużew Nazzjonali tal-Arti. F'dan il-mudell Kristu msallab jinsab mdendel mas-salib b'rasu mdawra 'l fuq lejn ix-xellug. Fit-telqa tal-ġisem jinħass sens ta' piż li l-iskultur jirnexxielu joħloq billi jgħolli d-dirgħajn msallba ftit 'l fuq. Il-perizoma tinġemgħa fuq quddiem fejn tissikka mal-ġisem msallab b'għoqda kbira. Dan il-kurċifiss kien ferm popolari fis-seklu tmintax u l-kopja li saret għaż-Żejtun hija waħda qrib ħafna tal-mudell oriġinali. Fih tinħass l-id ta' skultur b'esperjenza u jidher li nħadem biex jidher tajjeb minn ċertu distanza. Mhux magħruf jekk x-xogħol kienx originarjament miżbugħ jew le. Madankollu nafu li l-perizoma kienet originarjament indurata.(14) F'pajjizna, barra dan taż-Żejtun, jeżistu tlieta oħra maħdumin fuq l-istess mudell.



Dettall tal-Kurċifiss taż-Żejtun, xogħol fl-injam tas-seklu XVIII (Ritratt: Emm. Grech)

Wieħed jinsab fil-kappellun tal-kurċifiss tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan u jissemma għal-ewwel darba mill-isqof Davide Coco Palmieri waqt il-vista pastorali tiegħu tal-1710.(15) Ieħor jinsab fil-kappellun tal-knisja parrokkjali ta' Birkirkara u jidher wkoll li huwa xogħol tas-seklu tmintax. It-tielet wieħed jinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija. Dan ta' l-aħħar huwa teknikament u stilistikament viċin ħafna tal-kurċifiss taż-Żejtun. Hemm bosta kwalitajiet tekniċi kif wkoll dettalji anatomiċi li huma komuni għaż-żewġ kurċifissi. Huwa tabilħaqq interessanti li fiż-żewġ każijiet, kurċifiss maħdum fuq mudell ta' Alessandro Algardi kien ċ-ċentru ta' proġett kumpless ta' dekorazzjoni barokka fuq l-artal tal-kurċifiss taż-żewġ parroċċi.



Eżempju ta' Kurċifiss fuq il-mudell attribwit lil Alessandro Algardi. Dan jinsab Palazzo Pitti Firenze.

L-memorja ta' dan l-artal ntesiet mal-medda taż-żmien. Id-dokumentazzjoni, f'każijiet bħal dawn, tiswa mitqlu deheb u tipprovdi mezz importanti li bih wieħed jista' jasal għall-fatti. Madankollu, kieku missirijietna ħasbu biex jsalvaw dak li ħassew li m'għandux iżjed valur, forsi għad fadal tifkiriet li jistgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet ta' warajhom...

© Copyright Sandro Debono, 2004.

*1. A.P.Z., Lib.192, Introito ed Esito spettante alla pia sodalita dell'Agonia eretta nella chiesa parrochiale de Zejtun, fol.300. ' Conto di spese fatte per essere levate varie statue di pietra di forma poco decente dalla cappella del Ssmo. Crocefisso, e cio in virtu di un ordine verbale data da Mons. Gaetano Pace Forno nella sua ultima visita pastorale – 25 Settembre 1875'*

*2. Ibid.*

*3. Ibid.*

*4. Ibid.*

*5. A.A.F., P.V. Vol. XXXII, Alpheran de Bussan (1728-29), fol. 559. Id-deskrizzjoni tal-artal bit-test oriġinali hija hekk kif ....... ' magna theca coronice lapidea partim inaurata septa in qua pendet magna crux lignea cum effigies eiusdem Dni Nostri Iesu Cristi elevate cum nonullis nebulis inauratas in eius parte superiori, et in eius parte inferiori adsunt imagines deaurate B.M.V. et St. Maria Cleopha a dexteris, ac Ssmum Joannis Evangelista et Maria Magdalena a sinistris, et circumcirca plures angelorum imagines, et nebula deaurata cui supereminet effigies Padri Aeterni partim deaurata.'*

*6. S-Sodalita tal-Agunija twaqqfet mill-Isqof Davide Cocco Palmieri waqt il-vizta pastorali li huwa għamel fil-parroċċa taż-Żejtun fl-1709. Vide A.A.F., Vol. XXVIII Fra Davide Cocco Palmieri (1708-1710), fol. 374. S-Sodalita` tal-Agunija ħadet post oħra bikrija msejjħa 'Fidelium Societas Vulgo Dicta de morti. '*

*7. Din l-informazzjoni jagħtihielna l-Isqof Bartolomeo Rull fil-vista pastorali tiegħu tal-1759. Vide A.A.F., Vol. XXXVII, Bartholomeus Rull (1758-1760), fol. 470.*

*8. Il-ħlasijiet tax-xogħol li sar fuq l-artal tal kurċifiss ġew ppublikati minn J.Abela, 'Opri fil-kappellun tal-Kurcifiss 1716-1742' f' l-Aħħar Ikla, Ċentru Parrokkjali Żejtun, 2002, 13-25.*

*9. Ibid.*

*10. Ibid.*

*11. L-ewwel deskrizzjoni ta' dan il-proġett insibuha fil-vista pastorali tal-1709 li saret f'Ħal Lija mill-Isqof Davide Cocco Palmieri. Vide A.A.F., Vol. XXVIII, Cocco Palmieri (1708-1710), fol. 282v.*

*12. A.A.F., V.P. Vol. XXXI, Gori Mancini (1722-1723), fol. 502r.*

*13. J.Montagu, 'Alessandro Algardi in Malta' f' Treasures of Malta, Vol.V, no.3, 20.*

*14. Din l-informazzjoni ingħatat lill-awtur minn Dun Gino Gauci li nduna biha waqt xogħol ta' restawr li kien qed jwettaq fuq dan il-kurċifiss.*

*15. A.A.F. Vol. XXVIII, Fra Davide Cocco Palmieri (1708-1710), fol. 267r.*

**Swan Lake** *Restaurant*

*Triq il-Gardiel, Marsaskala*

*The venue for good food and hospitality*



Tel & Fax: 2163 2776

Mobile: 9944 6560 • Res. 2163 7995